**Standing Committee on Gozo Affairs meeting**
Laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex

# L-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u x'se jigri mil-lum 'il quddiem

## Gozo Business Chamber

It-Tlieta 5 ta' Mejju 2020 Parliament Building, Valletta

Joseph Borġ

---

Sinjura President tal-Kumitat tal-Affarijiet għal Għawdex, Onorevoli Ministri, Onorevoli Membri Parlamentari, u Sinjuri tal-Pubbliku li qed issegwuna fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni.

Huwa ta' pjaċir kbir għalija u għal membri tal-Kunsill tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex li jien qed nipparteċipa u nirrappreżenta l-istess Kamra f'din l-ewwel laqgħa tal-Kumitat tal-Parlament Malti għall-Affarijiet ta' Għawdex. Rajna li kien pass ferm għaqli li l-Gvern appoġġja talba tal-Oppożizzjoni biex jinħatar dan il-Kumitat[1] u aħna bħal dejjem ser nappoġġjaw din l-inizjattiva li ma' tistax ma tkunx ta' benefiċċju għal gżira għażiża tagħna u għan-nazzjon kollu.

Is-suġġett li ser nitrattaw illum huwa l-impatt tal-COVID-19 fuq Għawdex u kif ser naħdmu lkoll flimkien biex noħorġu aktar b'saħħitna minn dan il-għawġ li ħakem lil gżira tagħna, lil Malta, lill-Ewropa u lid-dinja kollha.

<u>L-esperjenza tal-COVID-19 f'Għawdex</u>

Fl-ewwel stqarrija li ħriġna flimkien mal-GTA sostnejna li huwa fatt li ħadd ma jista' jmeri li fi problemi ta' rilevanza nazzjonali u speċjalment dawk li għandhom dimensjoni internazzjonali bħall-Covid-19, in-negozji fil-gzira t'Għawdex huma dawk li

---

[1] Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet t'Għawdex ġie propost permezz ta' Private Member's Motion ippreżentata mid-deputati tal-Opposizzjoni.nhar it-30 ta' Ottubru 2019 permezz ta' mozzjoni numru 283, ara online https://www.parlament.mt/media/104830/motion-no-283-hatra-ta-kumitat-permanenti-ghall-affarijiet-ta-ghawdex.pdf. Il-Kumitat ġie approvat b'mod unanimu fil-Parlament Malti nhar it-28 ta' April 2020. Il-Kumitat hu kompost mill-Onor. Dr Justyne Caruana, l-Onor. Dr Anton Refalo, l-Onor. Clint Camilleri, l-Onor. Dr Chris Said u l-Onor. Dr Kevin Cutajar, bl-Onor. Frederick Azzopardi bħala membru sostitut. L-Onor. Dr Justyne Caruana ġiet maħtura bhala l-ewwel Chairperson ta' dan il-Kumitat, ara online https://www.parlament.mt/media/105659/motion-no-354-appointment-of-the-standing-committee-on-gozo.pdf

l-ewwel jintlaqtu mill-problema u l-aħħar li jirnexxielhom li joħorġu minnha.[2] Din hi l-esperjenza tal-passat tagħna u din hi l-esperjenza tal-prezent tagħna. Għamilna diversi *surveys*[3] li jikkonfermaw dan, imma dak li għexna u qed ngħixu f'dawn l-aħħar ġranet kienet esperjenza li xxukjatna. Għaddejna ħin twil nitkellmu mal-membri tagħna, b'telefonati, emails, skype u zoom. Kulħadd jitlob l-għajnuna għax ħadd ma jaf x'ser jaqbad jagħmel...min qed jara jikkrolla quddiemu dak kollu li ħadem għalih matul ħajtu, min ma jafx minn fejn se jħallas lill-ħaddiema, min l-għajnuna ma ingħatatlux jew ma waslitlux, u elf ħaġa oħra. Sitwazzjoni bla preċedent.

<u>L-azzjonijiet tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex</u>

Kif spjegajt, ħdimna fuq li ħdimna. Tajna kontribut kemm f'dak li għandu x'jaqsam speċifikament m'Għawdex bħala gżira u tajna kontribut anke fuq livell nazzjonali. Mill-bidu, jiġifieri mill-istqarrija għall-istampa li ħriġna fil-15 ta' Marzu, insistejna biex il-Gvern jiddiskuti magħna programm speċifiku ta' inċentivi li jirrigwarda n-negozji li jinsabu f'Għawdex.[4] Wara konsultazzjoni li saret il-Gvern irrikonoxxa l-ispeċifiċita tal-problemi tan-negozji Għawdxin u fil-miżuri mħabbra fil-24 ta' Marzu saret differenza fil-għoti tal-*Covid Wage Supplement* fejn il-kumpaniji Għawdxin li jaqgħu taħt dak li jissejjaħ *Annex B* ġew intitolati għal jumejn sussidju fil-ġimgħa minflok ġurnata waħda biss.[5]

Fuq bażi nazzjonali, konna aħna li flimkien ma' oħrajn insistejna li għandha tingħata almenu l-paga minima nazzjonali lil dawk kollha li kienu twaqqfu mill-operat tagħhom mill-awtoritajiet tas-saħħa. Imma l-akbar kontribut li għamilna kien fl-insistenza tagħna biex in-negozji jingħataw opportunita' li jkollhom self b'interessi zero. Meta fit-3 ta' April il-*Malta Development Bank* ħabbret l-ewwel skema tagħha, l-hekk imsejħa *MDB Covid-19 Guarantee Scheme*[6] ħriġna stqarrija fejn għedna li din kienet skema *non-starter*, u li dan ma kienx dak li kienu qed jistennew in-negozji f'dak il-mument. Insistejna li dak li kellhom bżonn in-negozji kienu *loans* mingħajr interessi u

---

[2] The Gozo Business Chamber, *Joint Press release by the Gozo Business Chamber and the Gozo Tourism Association*, 21 ta' Marzu 2020, ara online https://www.gozobusinesschamber.org/wp-content/uploads/2020/03/Press-Release-210320.pdf paragrafu ta' introduzzjoni

[3] The Gozo Business Chamber, *A Dire Situation being faced by many Businesses in Gozo*, 17 ta' Marzu 2020, ara online https://www.gozobusinesschamber.org/wp-content/uploads/2020/03/GBC-Press-Release-170320.pdf

[4] The Gozo Business Chamber, *The Gozo Business Chamber's Reactions to the Incentives announced by the Government on Saturday 14th March*, 15 ta' Marzu 2020, ara online https://www.gozobusinesschamber.org/wp-content/uploads/2020/03/GBC-Press-Release-150320.pdf is-sitt paragrafu

[5] Ivan Martin, *Government substantialy raisesits aid to businesses hit by Covid-19 slowdown. New deal agreed with the social partners* in *The Times of Malta*, 24 ta' Marzu 2020, ara online https://timesofmalta.com/articles/view/government-substantially-raises-its-aid-to-businesses-hit-by-covid-19.780743

[6] *The Malta Development Bank launches theMDB COVID-19 Guarantee Scheme*, ara online https://mdb.org.mt/en/news-and-media/Pages/MDB-launches-COVID19-Guarantee-Scheme.aspx 3 ta' April 2020

moratoria fil-ħlasijiet lura.[7] Fl-istess ġurnata tal-istqarrija tagħna l-Kummissjoni Ewropeja irrilaxxat ir-regolamenti marbuta mal-I*state Aid* u rrikonoxxiet li l-istati membri setgħu japprovaw skemi ta' self sa l-ammont ta' €800,000 għal kull kumpanija mingħajr interessi, u garanziji li jammontaw għal mija fil-mija tal-kapital.[8] Effettivament il-Gvern ħabbar skema ġdida nhar is-16 ta' April, fejn bażikament ġew aċċettati ħafna mit-talbiet tagħna.[9] Se nkunu qed insegwu kif ser jitħaddem dan is-self mill-banek biex in-negozji tagħna jkunu mgħejjuna bl-aħjar mod.

Il-Pandemija għallmitna ħafna

Il-perjodu li għamilna taħt il-madmad ta' din il-pandemija għallimna u qed ikompli jgħallimna. Probabbli għax kien żmien ta' kwazi rtir, żmien ta' riflessjoni, żmien fejn tbiddel ir-ritmu ta' ħajjitna, żmien fejn apprezzajna aktar lin-natura mbierka li dawwarna biha Alla fil-gzira tagħna.

Quddiemi jixirfu erba punti li xtaqt naqsam magħkom.

L-ewwel punt relatat ma' l-istruttura tas-servizzi tas-saħħa fil-gzira tagħna. Fis-27 ta' Frar ta' din is-sena l-Kamra tagħna kellna l-Laqgħa Generali Annwali tagħha. Saret fl-iskola ta' Barts appena inawgurata. Dak inhar irriflettejt li "Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex dejjem ipproponiet is-settur tas-saħħa bħala wieħed mill-oqsma li għandu jiġi mħaddem għall-iżvilupp sostenibbli tal-gzira tagħna. Wara itinerarju missielet....l-iskola ta' Barts issa qegħdha fil-gzira tagħna...Biex taħdem aktar kif suppost għandha bżonn sptar ġdid li jkun jilqa' fih aktar pazjenti...l-iskola ta' Barts għandha bżonn dan l-isptar u Għawdex ukoll għandu bżonn dan l-isptar. Mhux biss Għawdex għandu bżonn dan l-isptar imma anke Malta għandha bżonn sptar ieħor".[10] Din l-imxija li qed ngħixu għallmitna li dan l-isptar, fil-fatt għandu bżonnu n-nazzjon kollu. Kemm kien ikun aħjar kieku kellna sptar akbar f'Għawdex, kemm kien ikollhom anqas uġiegħ ta' ras dawk responsabbli mis-saħħa tal-poplu u fuq kollox kemm kien ikun moqdi aħjar il-poplu Għawdxi u Malti.

---

[7] The Gozo Business Chamber, *The Gozo Business Chamber, and the Gozo Tourism Association's reaction with respect to the measures introduced by the Malta Development Bankrelated to the Covid-19 Guarantee Scheme*, minn https://www.gozobusinesschamber.org/wp-content/uploads/2020/04/9.-GBC-GTA-Press-Release-040420.pdf 4 ta' April 2020

[8] European Commission, *State aid: Commission extends Temporary Framework to enable Member States to accelerate research, testing and production of coronavirus relevant products, to protect jobs and to further support the economy in the coronavirus outbreak*, ara online https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_20_570 3 April 2020, aġġornata fl-4 ta' April 2020

[9] Department of Information, *Statement by the Ministry for Finance and Financial Services – More Financial Assistance to help Businesses address liquiditydifficulties*, ara online https://govcms.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2020/April/17/pr200683.aspx 17 ta' April 2020 li rraportat konferenza stampa tas-16 ta' April 2020

[10] Joseph Borg, *Diskors tal-Konkluzjoni. Laqgħa Ġenerali Annwali, Gozo Business Chamber*, 27 ta' Frar 2020, paġna 2, ara online https://www.gozobusinesschamber.org/wp-content/uploads/2020/02/Diskors-tal-Konkluzjoni-AGM-February-2020.pdf

It-tieni riflessjoni. Għawdex fil-parti l-kbira tiegħu, propjament aktar minn ħamsin fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku, huwa mibni direttament jew indirettament fuq it-Turiżmu. Din l-imxija uriet kemm l-ekonomija tagħna hija fraġli, mhux għax huwa ħażin li għadna settur tat-turiżmu vibranti, anzi, imma mhuwiex sew li m'għandniex setturi oħra li jibbilanċjaw. Ara f'Malta d-dipendenza fuq it-Turiżmu hija ferm anqas u dan jikkontribwixxi għall-ekonomija aktar resiljenti. Aħna ser inkomplu naħdmu biex insaħħu s-settur turistiku imma wkoll irridu naħdmu aktar biex inkattru u nsaħħu setturi oħra.

Kif diġa aċċennajt fil-bidu din il-pandemija serviet biex il-bniedem naqqas mir-ritmu tiegħu u d-dinja u n-natura setgħu jitgawdew aktar. Anke l-kuntatt tagħna man-natura żdied b'aktar mixi fil-kampanja, naqsu immens il-karozzi jduru u kif qalu ħafna d-dinja bħal reġgħet ħadet nifs ġdid.[11] U din hi t-tielet tagħlima li ħadna minn din il-pandemija. Hemm bżonn jipprevali fil-għażliet tagħna mil-lum 'il quddiem, għażla favur l-ambjent, ekonomija fejn tingħata importanza akbar lill-enerġija rinnovabbli, rispett lejn in-natura ta' madwarna, li fuq kollox mhumiex ħlief għażliet favur il-bniedem, għażliet favur kwalita' ta' ħajja aħjar, għazliet favur ekonomija sostenibbli.

U ngħaddu għall-aħħar tagħlima. Deher ukoll b'mod ċar f'din il-pandemija kemm huwa bżonnjuż li nissapportjaw in-negozji lokali. Fil-ġimgħat li għaddew u fil-ġimgħat li ġejjin ser inkomplu nirrealizzaw aktar kemm hu mportanti li l-poplu tagħna jixtri mill-prodotti lokali. Kemm hu mportanti li nixtru prodotti tal-agrikoltura lokali, tas-sajd lokali, li nieħdu servizzi minn kumpaniji lokali, li nixtru prodotti manifatturati lokalment. Huwa xieraq li f'dan il-mument delikat tal-ekonomija nazzjonali, s-sapport tagħna nagħtuh lill-kumpaniji u negozji li l-qligħ tagħhom ser jergħu jinvestuħ lura fl-ekonomija lokali. Hekk noħolqu ekonomija aktar sostenibbli u resiljenti.

Mela dawn kienu l-erba' riflessjonijiet li xtaqt naqsam magħkom. Bħalissa l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex għandha l-presidenza tac-*Chambers of Commerce* tal-gżejjer tal-Ewropa (għaqda li tissejjaħ INSULEUR) u fiċ-ċirkustanzi ta' din il-pandemija bgħatt messaġġ li jgħid li meta d-dinja ser toħroġ minn din il-pandemija, hemm ħafna lezzjonijiet x'nitgħallmu, lezzjonijiet li rridu naqsmu flimkien. Il-pandemija qed turina li ma nistgħux nibqgħu għaddejjin ngħaffġu qisu qatt ma ġara xejn. Hemm bżonn naħsbu u naġixxu b'mod differenti.[12]

---

[11] Joseph Borg, *Extraordinary events require an extraordinary response, Gozo Business Chamber Webinar, How is Malta Enterprise assisting Businesses during Covid-19?*, 28 ta' April 2020, ir-raba' paġna, ara online https://www.gozobusinesschamber.org/wp-content/uploads/2020/04/Joseph-Borg-Malta-Enterprise-and-Covid-19-28-April-2020.pdf.

[12] cf Joseph Borg, *President's message re-COVID-19 to all Members and Board of Directors of Insuleur*, Chios 14 ta' April 2020, it-tieni paġna, ara online https://www.gozobusinesschamber.org/wp-content/uploads/2020/04/INSULEUR-President-COVID-19.pdf

"After the world emerges from this crisis there are a lot of lessons that we have to learn, and that we have to share together. This pandemic is clearly showing that we cannot continue to plod ahead as if nothing has happened. We need to do things differently."

X'nixtiequ li jiġri f'Għawdex mil-lum 'il quddiem

Għedna li rridu naħsbu u naġixxu b'mod differenti. Irridu li Għawdex jirbaħ l-effetti negattivi ta' din il-pandemija u joħroġ minnha aktar b'saħħtu, irridu li minn din l-istraġi fl-ekonomija tagħna noħolqu opportunitajiet ġodda li jtejbu l-kwalita' tal-ħajja tagħna bħala Għawdxin u jgħinu biex Għawdex ikompli jikkontribwixxi aktar minn qatt qabel fl-ekonomija nazzjonali.

Il-Kamra tan-Negozju għal-Għawdex ħejjiet pjan ta' proposti[13] li jridu jwasslu biex Għawdex jkompli jibni ekonomija resiljenti u sostenibbli. Pjan li sar b'konsultazzjoni sħieħa mal-membri tagħna. Hemm pjanijiet *short term* u *long term*. Ser nikkonċentra l-aktar fuq l-interventi li jridu jsiru b'mod immedjat.

1. Is-settur diġitali u dak finanzjarju

Aħna nemmnu li żvilupp qawwi fis-settur digitali kif ukoll dak finanzjarju huma l-akbar opportunita' ta' żieda f'ekonomija sostenibbli li Għawdex jista' jkollu. Dan il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ħadmet fuqu u ippjanatu għall-gżira tagħna. Bit-tieni *fibre optic cable* dan kollu ser ikun ferm aktar possibbli.

It-tnedija riċenti tad-*Digital Innovation Hub*[14] ikompli jagħti skop biex dak li ġie prospettat isir realta'. Kif ser inġibu l-kumpaniji f'dawn is-setturi, *start-ups* jew stabbiliti, f'Għawdex? Tiftakru, u intom membri parlamentari, minkejja li ħadd minnkom ma kien hemm, tafu aktar minn ħaddieħor, kif l-*Industrial Estate* tax-Xewkija nfetaħ fl-aħħar tas-snin sittin? Kien billi l-membri parlamentari Għawdxin qagħdu jistennew fil-lukanda *British* ftit il-bogħod minn hawn, sakemm il-Gvern iddeċieda li jaċċedi għat-talba tagħhom. Wara li nbnew il-faċilitajiet il-kumpaniji ġew għaliex ingħataw 10 snin *tax holiday*. Kien żmien fejn Għawdex far bil-ġid.

Ejjew nieħdu din l-opportunita' li għadna bħalissa u noffru kundizzjonijiet aġevolati għal min irid jiftaħ f'Għawdex. *Tax holidays* u sussidju qawwi fir-rati tal-kera u Għawdex jerġa' jibbenefika.

2. It-Turizmu

Kif spjegajt fil-bidu Għawdex intlaqat b'mod qawwi mill-COVID-19 minħabba li dejjem serraħ fuq it-Turiżmu. Xejn anqas minn ħamsin fil-mija tal-prodott gross domestiku u madwar 20% tal-impjiegi. Huwa naturali li ekonomija fejn *you have got your eggs in one basket* hija ekonomija riskjuża u din il-pandemija hija prova ta' dan.

[13] The Gozo Business Chamber, *Post-COVID-19 – Strategic and Policy Document*, May 2020 ara online
[14] PR Malta Industrial Parks *Gozo Innovation Hub inaugurated*, 8 ta' Novembru 2019, ara online http://www.mip.com.mt/MIPWebsite/mt/post?postid=2525

Iż-żmien li fih il-faċilitajiet turistiċi ser ikunu magħluqin għandu jkun opportunita' tajba biex jiġu *upgraded*. Huwa għalhekk li qed ninsistu mal-gvern biex iħabbar programm ta' għajnuniet forma ta' *grants* u loans b'self baxx biex lukandi, villaġġi turistiċi, appartamenti, farmhouses u ristoranti jiġu *upgraded* minnufih. Dan huwa ż-żmien li fih isir l-investiment u l-għajnuna trid tkun waħda aggressiva għax is-settur bħalissa tilef il-kuraġġ kollu li kellu.

Dan kollu mbagħad irid ikun segwit b'kampanji ta' *marketing* aggressivi direttament min-naħa tal-Gvern, kif ukoll għajnuna mogħtija lis-settur biex jagħmel il-kampanji *targeted* tiegħu. Ejjew inkomplu nsaħħu t-turizmu tagħna billi nikkonċentraw aktar fuq kwalita' milli l-kwantita'.

3. Il-l-Kostruzzjoni u l-Propjeta'

Is-settur tal-Kostruzzjoni u Propjeta' huwa importanti ħafna għall-ekonomija Għawdxija. Biss hawnhekk importanti nkunu ċari. Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex hija kontra żvilupp bla rażan. Il-Kamra diġa sostniet li hija trid li l-*green belts* bejn il-lokalitajiet jiġu mħarsa u li l-karattru uniku ta' kull lokalita' jibqa' bla mittiefes. Daqstant ieħor dwar il-ħarsien tal-ODZ (*Outside Development Zone*) u żvilupp mhux aċċettabbli fil-UCA (Urban Conservation Areas).[15]

Bħal f'kull ħaġa oħra f'Għawdex irridu żviluppi ta' kwalita' u mhux il-kwantita'. Għalhekk qegħdin insostnu li jiġi inċentivat bini ta' kwalita' li jirrispetta u jarrikkixxi l-ambjent. L-istrateġija fejn kull rokna jrid jiġi massimizzat il-potenzjal tagħha mingħajr każ ta' riperkussjonijiet ambjentali trid tiġi mibdula.

Għawdex irid ikompli jappella għal klijentela ta' kwalita' u għalhekk anki fiskalment irid jibqa jiġi aġevolat ċertu tip ta' bini. Għadha tiġi kkunsidrata għal dan il-perjodu anke tnaqqis tat-taxxa tat-trasferiment għal 1% għal perjodu limitat sakemm jirkupra s-suq.

4. Is-setturi tal-Agrikoltura, Sajd, Artiġġjanat u Manifattura

Jekk qatt kien hemm mument fejn deher ċar daqs il-kristall kemm hemm bżonn nissapportjaw il-prodotti tagħna, il-prodotti Maltin u Għawdxin, dan hu l-mument. Minħabba l-importazzjoni ta' prodotti ta' kull xorta iddgħajfet ħafna l-agrikoltura, kemm inkwantu ta' prodotti tar-raba' kif ukoll relatat mat-tkabbir tal-annimali. Anke l-istess sajd ġie milqut minn importazzjoni qawwija ta' ħut. L-artiġġjanat sofra ukoll u l-manifattura tkissret b'importazzjoni ta' prodotti li biex tgħaxxaq kultant jaqbżu wkoll ir-reġim tal-VAT.

---

[15] Gozo Business Chamber, *The Gozo Business Chamber's proposals for the Budget 2020*, Press Release 8 ta' Ottubru 2019, ara online https://www.gozobusinesschamber.org/wp-content/uploads/2019/10/GBC-Press-Release-081019.pdf l-ewwel paragrafu

Għalhekk huwa għaqli nissensibilizżaw lil poplu tagħna kemm hu mportanti għall-pajjiż li jkoll dawn is-setturi b'saħħithom. Fl-aħħar mill-aħħar fuqhom irridu naqgħu kemm bħala parti mis-*supply chain* tagħna kif ukoll biex ikollna ekonomija verament sostenibbli. Għalhekk qed ninsistu li jsiru kampanji qawwija u kontinwi ta' reklamar biex il-poplu jsostni lil dawn is-setturi billi jixtri prodotti lokali.

5. Progetti Kapitali

F'din il-fażi li għadna quddiemna importanti li l-Gvern jagħti spinta lill-proġetti kapitali fil-gżira tagħna.  Għadhom kif tlestew u ġew inawgurati l-iskola ta' Barts u d-*Digital Innovation Hub* li diġa semmejna. Dawn kollha kkontribwew biex jitkattar ir-ritmu tal-ekonomija ċkejkna tagħna.

Importanti li issa jibdew u jitkomplew b'ritmu mgħaġġel l-proġetti bħall-iIsptar ġdid t'Għawdex li diġa semmejna, il-Mużew ta' Għawdex, l-iskola primarja tar-Rabat, il-*Park and Ride facility* li tfassal biex jiġi mplimentat il-proġett tal-E buses għat-Terminal tal-Imġarr.  Hemm bżonn jitwettqu ukoll il-proġetti tal-*fast ferry* u l-*air-link* biex tiġi ffaċilitata l-konnessjoni għal Malta. L-istess il-*permanent link*. Hemm bżonn li f'dan il-perjodu ma nieqfux fuq dawn.

Ta' importanza kbira għall-gżira tagħna huwa li jkollna *car park* imdaqqas fiċ-ċentru tar-Rabat. Is-sit tal-*car-park*  preżenti huwa idejali biex jiġi żviluppat f'*multi-storey car park*. Hemm bżonn nieħdu ħsieb biex ngħamlu *car park* sura ta' nies biex fiha jkollna faċilitajiet tajbin għal-*charging* ta' karozzi tal-elettriku*,* grounds tal-football u open air markets fuq nett, barra li nieħdu ħsieb l-emissjonijiet kontinwi li kissru l-kwalita' ta' ħajja ta' kull min jgħix fiċ-ċentru tar-Rabat.

6. Żvilupp sostenibbli u l-Enerġija rinnovabbli

Il-pandemija ċertament urietna illi l-ambjent u n-natura jiffunzjonaw ferm aħjar mingħajr l-inġerenza normali tal-bniedem. Id-dinja ħadet ir-ruħ u rridu nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex ma nerġgħux lura għal li konna. Kif ser isir dan b'mod partikulari f'Għawdex?

L-għan tagħna minn dejjem kien biex lill-Għawdex nagħmluh gżira li tiddependi kompletament mill-enerġija rinnovabbli. L-Unjoni Ewropeja trid issir kontinent li tkun *carbon neutral* sal-2050, u b'*zero greenhouse gas emissions* sal-istess data. Għawdex irriduħ jilħaq dawn il-għanijiet ferm qabel din id-data. Għalhekk qed nitolbu lill-Gvern biex nieħdu l-okkażżjoni ta' din il-pandemija u lill-Għawdex iqabbduħ t-triq biex jilħaq dawn l-għanijiet ferm qabel. Isegwi minn dan li l-incentivi li jridu jingħataw f'Għawdex biex jintlaħaq dan il-għan iridu jkunu ferm aktar aggressivi minn dawk li jingħataw fuq bażi nazzjonali.

Hekk kif snin ilu saret differenzazzjoni fir-rata li ingħatat għall-stallazzjoni ta' pannelli fotovoltajiċi, trid issir differenza immedjata biex il-popolazzjoni Għawdxija tibdel il-karozzi tagħha f'karozzi elettriċi, l-istess fuq kull inċentiva oħra ta' enerġija rinnovabbli. Ejjew ukoll nagħtu vantaġġ fit-tariffi tal-Gozo Channel lil min jaqsam ukoll b'karozza tal-elettriku. Naħsbu wkoll li nagħtu self bla interessi lil kumpaniji li jridu jinvestu f'energija rinnovabbli.

Konklużjoni u Awguri

Ejjew nibdlu din l-isfida, din il-ġlieda, dan l-għelm li ħakimna, f'opportunita'. Ejjew ninqdew b'dawn iċ-ċirkustanzi infeliċi biex nibdlu għall-aħjar il-ħajja tal-popolazzjoni tagħna. Ejjew nibdew ngħixu fi ħbiberija man-natura, mal-art tagħna, mas-sbuħija li ddawarna, biex intejbu l-kwalita' tal-għixien tagħna.

Nawgura minn qalbi personalment, u f'isem il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, lil dan il-Kumitat ġdid tal-Parlament, li twieled f'mumenti xejn sbieħ tal-ħajja taghna. Mumenti xejn sbieħ li bil-għajnuna ta' kulħadd jirnexxielna ndawwruhom biex ikunu l-bidu ta' ħajja aħjar, ta' ħajja isbaħ fejn verament nifmhu x'inhu l-aktar importanti f'ħajjitna. Grazzi u għal darb'oħra nawguralkom il-ħidma t-tajba.